# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 30 ta' Settembru 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Xerri)**
**vs**
**Michael Mifsud**

**Drogi Nru: 38/2020**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Michael Mifsud, ta' 21 sena iben David u Josephine Hurst, imwieled il-Pieta', Malta nhar is-07/05/1998, residenti 40, Sunrise Court, BSMT, Triq il-Miklem Malti, Marsaskala, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0183098M;

Billi akkużat talli nhar it-8 ta' Frar 2020 għal ħabta ta' nofs il-lejl neqsin kwart (2345hrs) u l-ħinijiet ta' qabel ġewwa Triq Ross f'San Ġiljan u lokazzjonijiet oħra f'dawn il-gżejjer:-

1. Inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna tas-surġent 850 Stephen-Ryan Micallef, il-kuntistabbli 898 Jurgen Camilleri u l-kuntistabbli 1089 Brady Sammut, persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qegħdin jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lis- surġent 850 Stephen-Ryan Micallef, il-kuntistabbli 898 Jurgen Camilleri u l-kuntistabbli 1089 Brady Sammut;

3. F'lok pubbliku neża għarwien jew ma kienx liebes xieraq;

4. Iddepożita, waqqa', qieghed jew xehet xi trab, ħmieġ, karta, rmied, ċikka ta' sigarett, żibel, kaxxa, bittija, jew kull artiklu ieħor jew ħaġa oħra f'xi post pubbliku, triq, baħar, jew spazju fil-miftuħ li għalih il-pubbliku għandu aċċess, liema depożitu jew tħollija ma kienx awtorizzat b'liġi;

5. Għad illi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti, jew għamel atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor li mhux provdut f'dan il-Kodiċi, offenda l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika;

6. Ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħalliex jew fixkel waqt li kien jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordna jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor kien għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun;

7. F'lok pubbliku jew f'post miftuħ għall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx seta' jieħu ħsieb tieghu innifsu;

8. Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni ta'l-Avukat Generali a tenur ta'l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta biex dan il-kaz jinstemgha minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentment pruvati.

Illi dwar l-piena hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat min-naha u min-naha l-ohra l-ammont u x-xorta tad-droga misjuba, l-amissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali netta tieghu. B'referenza ghat-tmien imputazzjoni hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-ammont ta' droga li nstabet huwa anqas mit-tlieta punt hames grammi imsemmija f'l-artikolu 4(1)  tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tista' tapplika l-piena stabbilita fis-subartikolu (2) ta'l-artikolu 4 tal-Kapitolu 537.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 338(q)(bb)(ee)(ff), 339(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli  8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939, u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 206 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u

- għall-ewwel, it-tieni u s-sitt imputazzjonijiet, b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta **tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena**;
- ghal kull wahda mit-tielet, ir-raba, l-hames u s-sebgha imputazzjonijiet tikkundannah **ammenda ta' hamsin Euro (€50), ghalhekk totali ta' mitejn Euro**;
- ghat-tmien imputazzjoni tikkundannah **penali ta' hamsin Euro (€50)**.

L-imsemmija multi/penali ghandhom jithallsu fi zmien tlett xhur.

In oltre il-Qorti qed tordna **d-distruzzjoni tal-oggetti esebieti bhala Dok JX8,** dan taht il-harsien tar-Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u dwar il-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**